LUQA

Minuti tat-Tieni Laqgħa tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 3 ta' Mejju 2007 fis-6.15 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M.<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Delegi lill-Kunsillieri
4. Korrispondenza
5. Financial Statements 2006/2007
6. Fourth Quarterly Financial Report 2006/2007
7. Mozzjonijiet
8. Ħlasijiet

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 1 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joe Scicluna ssekondata mill-Kunsilliera Luċia Massa.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Riferenzi għall-Minuti ma kienx hemm.

## 3. DELEGI LILL-KUNSILLIERI

3.1 Is-Sindku John Schembri qal li huwa jemmen li x-xogħol tal-Kunsill għandu jitwettaq u jimxi 'l quddiem mill-Kunsillieri kollha b'riżq l-impenn li daħlu għalih għall-ġid tar-residenti u r-raħal ta' Ħal Luqa. |ied igħid li fid-dawl ta' dan it-twemmin kien qiegħed jiddelega xogħlijiet u dmirijiet lill-Kunsillieri kollha. Wara s-Sindku qara r-responsabbiltajiet li ġew delegati lill-Kunsillieri *(kopja ta' dawn ir-responsabbiltajiet lil kull Kunsillier tinsab mehmuża ma' dawn il-Minuti u għandha titqies bħala li tagħmel parti minn dawn il-Minuti)*. Huwa appella lill-Kunsillieri sabiex jagħtu s-sehem tagħhom filwaqt li għarrafhom li kull Kunsillier, kull tlett xhur għandu jippreżenta rapport tax-xogħol li jkun għamel fil-qafas tad-delegi assenjati lilu.

3.2 Meta kkummenta fuq ir-responsabbiltajiet delegati lilu, Frank Psaila qal li normalment jiġri li r-responsabbilta taż-|għażagħ tingħata lill-iktar kunsillier żagħżugħ u għalhekk kien jistenna li l-qasam taż-żgħażagħ jingħata lilu bħala Kunsillier żagħżugħ. Stqarr li dak li kien qed igħid ma kienx ifisser li l-Kunsillier Joe Camilleri ma kiex kapaċi imma kien qed igħidu għax iħoss li ż-żgħażagħ kellhom ikunu responsabbilta' tiegħu.

3.3 Min-naħa tiegħu s-Sindku qal li billi ż-żgħażagħ ma ġewx delegati lilu (Frank Psaila), dan ma jfissirx li ma jistax jaħdem hu wkoll fost iż-żgħażagħ. Dan jista' jagħmlu wkoll billi jipproponi u jikkoordina mal-Kunsillier Joe Camilleri.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Is-Sindku ta resume tal-korrispondenza kollha li daħlet sat-3 ta' Mejju 2007, fosthom :

a) Ittra min-National Euro Changeover Committee li tfittex persuni biex jagħtu ftit mill-ħin tagħhom biex b'mod volontarju jagħtu tagħrif lill-membri tal-komunita' dwar il-bidla għall-euro. L-ittra ġiet mgħoddija lil Frank Psaila għal azzjoni.

b) Ittri ta' acknowledgement għall-ittri tal-Kunsill mill-Ministeru għall-Iżvilupp Urban u Toroq u mill-Ministeru għar-Risorsi u l-Infrastruttura. Dwar l-ittra tal-Kunsill fuq Triq Kan. Gwann Borg, Victor Caruana qal li tkellem ma' min huwa responsabbli u qal jaf li din se ssir.

c) ittra tas-Superintendent Ray Zammit (Traffic/A.L.E.) li jitlob laqgħa mal-Kunsill għall-24 ta' Mejju 2007 fis-2.00 p.m. fl-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill ikkonferma din it-talba għal-laqgħa.

d) ittra minn St. Vincent de Paul Running Group dwar il-Marathona li se ssir fid-29 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li jagħti sponsor ta' Lm30 għal din l-attivita'.

e) ittra mill-Għaqda Maltija ta' l-Ortikultura dwar il-Wirja Agragja tal-5-6 ta' Mejju f'San Anton.

- F'dan l-istadju Joe Piscopo qal li ġie kkuntattjat minn Merlin Library dwar xi pakkett għal new-entries għall-prezz ta' Lm2.00 għal kull student. Il-Kunsill qabel li jisponsorja dawn il-kotba.
- Victor Caruana ppreżenta affidavit bid-data tal-3 ta' April 2007 dwar ittra li allegatament ġiet mogħtija lilu mis-Segretarju Eżekuttiv. Huwa talab lis-Sindku biex kopja ta' dan tintbagħat lid-Direttur tad-D.G.L.

## 5. FINANCIAL STATEMENTS 2006/2007

5.1 Wara li ġie mitlub mis-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta il-*Financial Statements* tal-Kunsill għas-sena 2006/2007 li juru surplus ta' aktar minn Lm33,000.

5.2 Qabel is-Sindku ressaq il-*Financial Statements* għall- approvazzjoni, Victor Caruana qal li peress li huwa kien ivvota kontra pagamenti li saru qabel, anke din id-darba kien se jivvota kontnra l-*Financial Statements*. Min-naħa tiegħu Frank Psaila sostna li kien se jastjeni peress li dawk il-*Financial Statements* huma ta ' Kunsill li ma kienx jagħmel parti minnu.

5.3 Meta s-Sindku ressaq il-*Financial Statements* għall-approvazzjoni, dawn ġew approvati b'ħames (5) voti favur, vot (1) kontra (Victor Caruana) u astensjoni waħda (1).

## 6. FOURTH QUARTERLY REPORT JAN/MAR 2007

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta għad-diskussjoni r-rapport finanzjarju tal-Kunsill għall-perijodu Jannar/Marzu 2007. Wara diskussjoni qasira, ir-rapport ġie approvat bl-istess votazzjoni ta' qabel.

## 7. MOZZJONIJIET

7.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna tgħid: **li l-Kunsill japprova li l-unur ta' "Ġiegħ Ħal Luqa" għas-sena 2006/2007 jingħata lin-Nutar Charles Mangion, l-ewwel Ħal Luqi li fl-istorja politika ta' Malta okkupa l-kariga ta' Ministru tal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta.**

7.1.i Meta tkellem fuq il-mozzjoni s-Sindku qal li kulħadd għandu jirrikonoxxi li Charles Mangion ta kontribut kbir lil Ħal Luqa u għalhekk iħossu konvint li l-Kunsill għamel għażla tajba meta nnomina lin-Nutar Mangion għall-premju ta' "Ġiegħ Ħal Luqa".

7.1.ii Fuq il-mozzjoni tkellem ukoll Frank Psaila li qal li peress li din is-sena ninsabu qrib elezzjoni ġenerali, u peress li Charles Mangion huwa daqshekk imdaħħal fil-politika, ma jħossx li dan il-ġieħ għandu jingħata lilu. Barra minn hekk, wieħed għandu jqis li f'Ħal Luqa n-nies huma maqsumin, u jekk dan il-ġieħ jingħata lil persuna li għadha attiva fil-politika, bħalma huwa n-Nutar Mangion, il-poplu jkompli jinqasam minflokk jingħaqad. Għalhekk iħoss li fuq din il-mozzjoni għandu jastjeni mingħajr ebda diżrispett lejn in-Nutar Mangion.

7.1.iii Meta s-Sindku ressaq il-mozzjoni għall-voti din ġiet approvata b'ħames (5) voti favur u żewġ (2) astensjonijiet (Victor Caruana u Frank Psaila).

7.2 Mozzjoni oħra mressqa mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku tgħid: **li l-Kunsill japprova l-pubblikazzjoni ta' ħarġa oħra tal-magażin tal-Kunsill.** Din il-mozzjoni ġiet unanimament approvata. Dwar din il-mozzjoni is-Sindku qal li fir-raħal f'dawn l-aħħar xhur sar ħafna xogħol li l-poplu ta' Ħal Luqa għandu jkun infurmat dwaru.

7.2.i Victor Caruana qal li huwa favur il-mozzjoni imma jħoss li l-pubblikazzjoni għandha titħalla sa Settembru ħalli l-Kunsillieri, speċjalment dawk ġodda, jilħqu jirrankaw fix-xogħol tagħhom u jkollhom fuqhiex jiktbu.

7.2.ii Meta s-Sindku ressaq il-mozzjoni għall-voti, din ġiet approvata unanimament.

7.3 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Joseph Piscopo u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna tgħid: **li l-Kunsill japprova li jsiru "time zone limit" fi Triq Ganni Vassallo u Triq Ħal Tarxien.**

7.3.i Meta ntroduċa din il-mozzjoni s-Sur Piscopo qal li f'dik il-parti ta' Triq Ganni Vasallo fejn joqgħod hu, ħadd mir-residenti ma jista' jipparkja għax l-ispazju jittieħed il-ġurnata kollha minn ħaddiema li jaħdmu fl-inħawi. U għalhekk tinħass il-ħtieġa li tiġi ntrodotta t-"*time zone limit*".

7.3.ii Il-Kunsill qabel ma' suġġeriment tas-Sindku biex dwar dan is-suġġett issir laqgħa ma' l-ADT fejn ngħidulhom li l-Kunsill jaqbel ma' l-introduzjzoni tat-*time zone limit* u għalhekk nitolbuhom igħidulna x'nistgħu nagħmlu dwarha.

7.3.iii Il-mozzjoni ġiet unanimament approvata.

7.4 Mozzjoni oħra mressqa mis-Sur Joseph Piscopo u ssekondata mis-Sur Joseph Scicluna tgħid: **li l-Kunsill japprova li jsiru computer courses.** Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

7.4.i Meta tkellem dwar il-mozzjoni Joe Piscopo qal li għal din is-sena ġab computer courses li se jkunu kompletament sussidjati. Il-courses jitmexxew mill-kumpanija TCTC u l-aħjar li jsiru fix-xahar ta' Lulju. Importanti li Mejju/Ġunju tibda kampanja dwarhom. Il-Leaflets għal din il-kampanja jiġu pprovduti mit-TCTC u l-Kunsill jintrabat li jqassam dawn il-leaflets, li jipprovdi l-premises u l-insurance għall-computers li se jkunu pprovduti minn TCTC flimkien mat-Tutors. Jista' wkoll ikun hemm courses tal-EDCL għall-prezz ta' Lm450 jekk ikunu sa 100 student. Kull student iħallas Lm4.75. Jekk ikun hemm differenza f'każ li ma jkunx hemm mitt student, din trid tinħareġ mill-Kunsill.

7.4.ii Is-Sindku qal li dwar il-premises ikun ideali li nagħmlu użu minn xi klassi fil-bini ta' l-Iskola Primarja meta wieħed iqis li matul ix-xhur tas-Sajf l-Iskola tkun magħluqa. Qal ukoll li dwar l-użu ta' l-Iskola, li hija bini pubbliku, barra l-ħinijiet ta' l-Iskola diġa ktibna lill-Ministru Louis Galea. Iżda għadna bla risposta. Ġie miftiehem li l-Kunsillier Victor Caruana javviċina lill-Ministru Galea għall-użu ta' klassi ta' l-Iskola Pimarja għall-courses tal-computer fis-Sajf,

7.4.iii Il-mozzjoni ġiet unanimament approvata.

- Qabel ma l-Kunsill għadda għall-item li jmiss fuq l-Aġenda, il-Kunsilliera Lucia Massa nfurmat lill-Kunsill bil-programm li tħejja biex jiġi mħares Jum Ħal Luqa.

## 8. ĦLASIJIET

8.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sat-3 ta' Mejju u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fit-8.00 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa.

Konfermati llum 29 ta' Mejju 2007.

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv